PAĠNA VOJTA



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

## SETTEMBRU 2023

**Suġett:** Malti

**Data:** 13 ta' Settembru 2023

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |
|---|---|

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima A: Aqra sewwa l-iskeda t'hawn taħt u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**




**Il-Mistoqsijiet:**

1. Dan t'hawn fuq huwa
a) avviż.
b) riklam.
ċ) invit.
d) riċetta.

2. Dan t'hawn fuq huwa miktub
a) bil-Malti biss.
b) bl-Ingliż biss.
ċ) biż-żewġ lingwi uffiċjali ta' Malta.
d) ma fihx kliem.

3. L-istampa ta' hawn fuq tagħti informazzjoni fuq
a) is-separazzjoni tal-iskart fid-dar.
b) il-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-iskart domestiku.
ċ) is-servizzi offruti miċ-Ċentri ta' Ġbir ta' Skart Goff.
d) l-iskeda tal-ġbir tal-iskart tad-djar.



48. Il-kelma **"għerien"** hija
a) nom fil-plural sħiħ.
b) nom fil-plural miksur.
ċ) nom fl-għadd imtenni.
d) nom fil-kollettiv.

49. Il-verb **"jissoffokawna"** jinsab fit-temp
a) imperfett/preżent.
b) perfett/passat.
ċ) futur.
d) pluperfett.

50. Liema taħseb li hu **l-aktar titlu** li jaqbel ma' din is-silta?
a) In-nies fl-antik.
b) Min jgħix fl-għerien u min jgħix fil-palazzi.
ċ) Il-bini bla rażan se jeqred in-natura.
d) Progress kbir u ekonomija soda.

**20 mistoqsija x 2 marki = 40 marka**

## TMIEM IL-KARTA

40. "**Kuljum preċett...**" tfisser
a) saret ir-regola ta' darba kultant.
b) għamlu l-ewwel tqarbina.
ċ) kuljum kuljum, ma tintilifx ġurnata.
d) xejn ġdid.

41. Skont is-silta, it-torrijiet qed jirreferu
a) għall-bini militari.
b) għall-bini għoli li tiela' kullimkien.
ċ) għat-torri tal-kontroll tal-ajruport.
d) għall-istrutturi antiki u storiċi madwar Malta.

42. Agħżel is-sentenza **li ma taqbilx** mas-silta:
a) Il-bniedem baqa' jevolvi minn żmien għal żmien.
b) Il-bini baqa' jespandi f'kull rokna tal-gżira.
ċ) Il-flus wasslu biex l-art kompliet timtela bil-bini.
d) It-tempji nbnew wara l-palazzi.

43. L-awtur isemmi "**litanija**" ta' ilmenti għax
a) il-poplu ilu ħafna jgerger fuq l-istess ħaġa, il-bini żejjed.
b) il-Maltin saru aktar reliġjużi minn qatt qabel.
ċ) il-Maltin tilfu l-paċenzja u m'għadhomx jitolbu.
d) il-poplu jħobb igerger fuq ix-xejn.

44. Il-plural ta' "**ripetizzjoni**" huwa
a) ripetizjonijiet.
b) ripetizzjonijjiet.
ċ) ripetizzjonjiet.
d) ripetizzjonijiet.

45. Il-plural ta' '**roqgħa**' huwa
a) rqajja'.
b) rqajjgħa.
ċ) roqoq.
d) roqgħot.

46. Kif użata fis-silta, "**applikazzjoni oxxena**" tfisser applikazzjoni
a) li ma tagħmilx sens mal-ambjent naturali u tal-lokal.
b) li ġġagħlek tgħid erba' kelmiet mhux xierqa.
ċ) tad-daħk u ġġagħlek togħxa.
d) serja u kif suppost.

47. Agħżel il-kelma li hija **verb**.
a) ħarġiet.
b) ħruġ.
ċ) ħarġa.
d) ħriġt.



4. Kull ġimgħa, il-borża l-bajda tinġabar
a) darba biss.
b) darbtejn.
ċ) tliet darbiet.
d) kuljum.

5. Il-frażi '**skart organiku**' tfisser
a) fdalijiet ta' ikel u ħaxix tal-ikel.
b) materjal li ma jispiċċa qatt.
ċ) materjal li jintradam fil-landfill.
d) skart li jipproduċu l-fabbriki tal-ħwejjeġ.

6. Oġġetti tal-plastik li jistgħu jerġgħu jintużaw issibhom fil-borża
a) l-bajda.
b) s-sewda.
ċ) l-ħadra/il-griża.
d) tal-ħġieġ.

7) Skont l-iskeda l-ġbir ta' skart domestiku isir
a) kull jum tal-ġimgħa.
b) sitt ijiem fil-ġimgħa.
ċ) darbtejn fil-ġimgħa.
d) nhar ta' Ħadd biss.

8. Il-borża l-bajda tinġabar aktar spiss mill-oħrajn għax
a) l-iskart ta' ġo fiha jinten malajr jekk jitħalla ġewwa.
b) l-aktar li jkun fiha skart.
ċ) tkun iżgħar u eħfef biex tinġabar.
d) bl-iskart tagħha jiġġeneraw aktar enerġija.

9) Il-ħġieġ tad-djar jinġabar
a) darbtejn fix-xahar.
b) darba fil-ġimgħa.
ċ) kuljum filgħaxija.
d) Nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta.

10) Skont kif muri fl-istampa, il-ħġieġ irid ikun
a) f'kontenitur tal-ħġieġ li jingħalaq sew.
b) f'borża tal-plastik ħoxna imma trasparenti.
ċ) f'barmil jew kontenitur miftuħ tal-plastik.
d) f'kaxxa kbira tal-kartun.

11) Ngħidu '**skart organiku**' imma '**ħxejjex...**
a) organiki.
b) organiku.
ċ) organittivi.
d) organiċi.

12) Il-plural ta' **'ġimgħa'** huwa
a) ġimgħat.
b) ġimagħat.
ċ) ġimijjiet.
d) ġimgħatejn.

13) Minn **'imħallat'** nagħmlu **'taħlit'**; u minn **'riċiklat'** nagħmlu
a) riċiklabbli.
b) riċiklar.
ċ) irriċiklaw.
d) irriċerkat.

14) Għalfejn taħseb li jintużaw żewġ lingwi mal-istampi?
a) biex min ma jafx l-Ingliż jitgħallmu għax jaqra wkoll il-Malti.
b) biex jinftiehem minn dawk li ma jafux jaqraw bil-Malti.
ċ) biex jintuża barra minn Malta.
d) għax iffinanzjat mill-fondi tal-Ewropa.

15) L-istampi tal-boroż huma bil-kulur biex
a) jgħinu lil min ma jafx jaqra.
b) l-istampa tkun tidher sabiħa u tolqot l-għajn.
ċ) jagħmlu riklam tal-boroż li trid tixtri.
d) biex tat-trakk jarahom sewwa mill-bogħod u jiġborhom.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marki**



32. **'Imbagħad xrifna'** tfisser li bdejna
a) noħorġu.
b) nixriefu.
ċ) niddakkru.
d) nitlewmu.

33. Wara l-għerien, il-bniedem beda jtella'
a) l-palazzi.
b) l-knejjes.
ċ) t-tempji.
d) l-għerejjex.

34. L-awtur tal-artiklu jqis il-bini tat-tempji bħala
a) ġojjell.
b) talent.
ċ) sorpriża.
d) sopravivenza.

35. Il-bini beda jinbena fuq
a) art verġni.
b) il-blat.
ċ) art mitluqa.
d) il-baħar.

36. Il-frażi "**...qisnieha b'tagħna bi dritt**" tfisser
a) kollox hu ta' kulħadd.
b) ħaġa tagħmilha tiegħek anke jekk mhijiex.
ċ) kulħadd jagħmel li jrid.
d) min hu sinjur l-aktar li jikseb.

37. Matul iż-żmien, mas-sens tal-qies beda jiżdied is-sens ta'
a) rabja.
b) kumbattiment.
ċ) ġungla.
d) estetika.

38. Skont l-awtur, id-demarkazzjoni ta' ċertu zoni bdiet issir minħabba
a) tibdil fir-regolazzjoni.
b) l-periti.
ċ) iċ-ċokon tal-ibliet.
d) l-egoiżmu tan-nies.

39. Iż-żewġ sensi li kienu jirregolaw l-art għall-bini bdew jintilfu minħabba
a) x-xogħol ħażin tal-bennejja.
b) l-indħil tan-nies fl-ippjanar.
ċ) l-politika tal-partiti politiċi.
d) li kulħadd ried jagħmel flus kemm jiflaħ mill-art.

## TAQSIMA Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:

### DILEMMA

Xi darba konna ngħixu fl-għerien. Konna għadna kemm wasalna minn xi mkien ieħor u malli tlajna l-art il-ġdida, sibna l-għerien u dħalna fihom, għamilniehom darna. Hekk kienu jgħallmuna l-iskola għall-inqas. Imbagħad xrifna barra minn dawn l-għerien u bdejna ntellgħu l-għerejjex u mbagħad skoprejna t-talent għall-bini bil-ġebel u aktarx bnejna tempju, u tnejn, u tlieta. L-Istorja donnha tieqaf imbagħad imma tkompli timmanifesta ruħha fil-binjiet, għall-ewwel umli imma mbagħad aktar ambizzjużi u irfinuti u kumplessi.

Sakemm bnejna dak li għadna nsejħulu sal-lum ir-raħal Malti. Huwa l-bini li ħoloq dan kollu; il-bini fuq art verġni li qisnieha b'tagħna bi dritt. Dawk id-djar, uħud imdaqqsa jew kbar, oħrajn iżgħar; dawk it-toroq li ffurmaw ruħhom ħafna drabi mserrpa u fuq kollox dak it-tempju li donnu minnu ħiereġ kollox għamlu d-dehra u s-sura ta' Malta. Kien il-bini: kien il-bini fuq art verġni. L-istess il-bliet. Kull naħa li ttieħdet, ittieħdet bi bżonn. Ma nafx hux fl-istess żmien jew wara - din inħalluha għall-istoriċi - beda jiżviluppa sens ta' estetika li aktarx li kien marbut mas-sens ta' qies. Biex imbagħad dan is-sens estetiku u ta' qies wassal għal ċerti deċiżjonijiet li l-għan tagħhom kien ir-regolazzjoni, appuntu d-demarkazzjoni ta' ċerti zoni li kellhom jibqgħu bla mittiefsa.

Issa donnu li qiegħed jiġri li s-sens estetiku ta' darba sparixxa jew inbidel, u s-sens ta' qies ġralu l-istess. Jew ħalli ngħidu hekk: biż-żmien tfaċċa grupp ta' nies li jkejlu b'qisien differenti minn dari. L-art jarawha biss bħala potenzjal, potenzjal għat-tiswir ta' ħafna u ħafna flus. U tilfu s-sens tal-qies, tant li dawk iz-zoni li konna ddeċidejna li m'għandhomx jintmessew saru l-mira ewlenija. Kuljum preċett tisma' l-aħbarijiet dwar dik il-biċċa art jew ir-roqgħa l-oħra li dendlulha mannara ma' rasha.

Torrijiet, pompi tal-petrol u issa anki restoranti tal-ejja-ħa-mmorru jissikkaw dejjem aktar u se jissoffokawna. Uħud minna qegħdin jirrealizzaw li waqt li xi darba l-bini għamel pajjiż issa l-bini qiegħed ikissru.

Il-punt l-ieħor hu li dad-diskors sar qisu mantra, litanija, sensiela ma tinbidilx tal-istess ilment, u li sadattant mhu jkollha ebda effett. Anzi wisq nibża' li minħabba r-ripetizzjoni tispiċċa ttarrax u tmewwet. Din hija d-dilemma kontinwa li jaffaċċjaw uħud minna. Imma meta tara li kuljum titfaċċa xi applikazzjoni oxxena ġdida tħossha diffiċli toqgħod bi kwietek. Jalla inti li qed taqra dan l-artiklu, tkun konxju ta' dan u ssemma' leħnek int ukoll.

(Addattament mill-artiklu ta' Immanuel Mifsud fl-*Illum* tal-4 ta' Jannar 2018)

**Il-Mistoqsijiet**

31. L-ewwel nies kienu jgħixu
a) fuq il-baħar.
b) fl-għerien.
ċ) fl-għoljiet.
d) fuq is-siġar.



## TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:

### Kelb bravu

Bejjiegħ tal-laħam kien qiegħed ġol-ħanut meta ra kelb b'qoffina f'ħalqu jipponta biex jidħollu ġol-ħanut. Ipprova jgerrxu imma l-kelb baqa' jippersisti sa ma daħal. Ir-raġel induna li ġo dik il-qoffina kien hemm karta u ma' għonq il-kelb kien hemm imdendla borża żgħira bil-flus fiha. Tal-laħam induna x'ried dan il-kelb għalhekk poġġielu l-laħam li kellu bżonn ġol-qoffina, tefagħlu l-bqija ġol-borża u reġa' dendilhielu ma' għonqu. Il-kelb dlonk qabad il-qoffina b'ħalqu u telaq lura minn fejn kien ġie. Dan ir-raġel baqa' impressjonat.
Peress li kien sar il-ħin biex jagħlaq iddeċieda li jmur warajh. Il-kelb beda miexi u f'mument minnhom ried jaqsam it-triq. Huwa mar ħdejn id-dwal tat-traffiku, niżżel il-qoffina mal-art u b'qabża għafas il-buttuna biex jieqfu l-karozzi.
Hekk kif id-dawl qaleb aħdar, il-kelb qasam bix-xirja tal-laħam. Il-kelb baqa' sejjer fuq l-istejġ jistenna l-karozza tal-linja. Malli ġiet l-ewwel karozza l-kelb ħareġ jara n-numru u reġa' lura f'postu. Malli ġiet it-tieni karozza tal-linja l-kelb rikeb. Hu qagħad bilqiegħda fl-ewwel post u wara xi għoxrin minuta qam u mar ħdejn ix-xufier. Dan waqqaf il-karozza, fetaħlu l-bieba u l-kelb niżel bil-qoffina f'ħalqu. Tal-laħam baqa' mbellaħ!
Il-kelb baqa' miexi u wara ftit kiser biex jidħol f'dar. Ipprova jagħmel is-saħħa biex jimbotta l-bieb imma għalxejn. Għalhekk tela' fit-tieqa u beda jħabbat rasu mal-ħġieġa għal ħafna drabi. Fl-aħħar raġel kbir deher jiftaħ u, hekk kif il-kelb mexa pass 'il ġewwa, dan beda jsawtu bla ħniena.
Tal-laħam ma felaħx aktar u mar iwaqqfu. Qallu li qatt ma kien ra kelb hekk bravu. Iżda r-raġel l-ieħor kien pront irrispondieh li kieku l-kelb kien bravu ma kienx jerġa' jinsa ċ-ċavetta warajh! Ċerti nies f'din id-dinja ma jikkuntentaw b'xejn u dejjem iridu jsibu xi difett jew x'jikkritikaw. Jekk trid tgawdi lil ta' madwarek tgħallem ara s-sabiħ u t-tajjeb fihom u mhux tfittex id-difetti tagħhom. (Adattament minn *Flimkien* Marzu 2010)

**Il-Mistoqsijiet:**

16. Minkejja li l-bejjiegħ tal-laħam ipprova jkeċċih, il-kelb xorta ried jidħol fil-ħanut biex
a) jixtri l-laħam.
b) ibigħ il-laħam.
ċ) jisraq il-laħam.
d) jiddobba xi għadma.

17. X'taħseb li kellu miktub il-kelb fil-karta li kellu fil-qoffina?
a) Ismu.
b) Isem sidu.
ċ) Lista tax-xirja.
d) In-numru tal-mowbajl ta' sid.

18. Għaliex taħseb li sid il-ħanut baqa' impressjonat?
a) Għax il-kelb kien aggressiv.
b) Għax il-kelb kien jaf ħafna.
ċ) Għax qatt ma kien ra kelb kbir daqshekk.
d) Għax kien hemm ċekk tal-flus m'għonq il-kelb.

19. Tal-laħam segwa lill-kelb
a) għax ma kienx se jiftaħ il-ħanut.
b) xħin ra li kien sar il-ħin li jagħlaq.
ċ) biex mat-triq jaħtfu u jieħdu miegħu d-dar.
d) billi ried ikellem lil sidu.

20. Għaliex taħseb li t-triq li ried jaqsam il-kelb kienet waħda traffikuża u perikoluża?
a) Għax dam ma qasam.
b) Għax kienu jgħaddu ħafna trakkijiet kbar minnha.
ċ) Għax damet ma ġiet il-karozza tal-linja.
d) Għax għamel użu mid-dwal tat-traffiku.

21. Kif kien jaf il-kelb liema karozza tal-linja ried jirkeb?
a) Għaraf in-numru tal-karozza.
b) Għaraf il-kulur tagħha.
ċ) Għaraf ix-xufier tal-karozza.
d) Qara t-tabella tal-istejġ.

22. X'jurik li x-xufier kien jaf lill-kelb?
a) Il-kelb beda jinbaħlu.
b) Għax poġġa bilqiegħda ħdejn ix-xufier.
ċ) Ix-xufier beda jmellislu rasu.
d) Il-kelb mar ħdejn ix-xufier biex iwaqqaf ħa jinżel.

23. Il-kelb beda jħabbat rasu mal-ħġieġa tat-tieqa tad-dar biex
a) ikissirha u jidħol minnha.
b) jiġbed l-attenzjoni ta' sid id-dar.
ċ) jilgħab u jgħaddi l-ħin.
d) jirrabja ma' sid id-dar.

24. Fis-silta, "**Tal-laħam ma felaħx iktar…**" tfisser li
a) ma kienx jiflaħ jerfa' oġġetti tqal.
b) ħassu marid u bla saħħa.
ċ) ma qagħadx jissaporti jara l-kelb jinħaqar.
d) ma kienx jagħti laħam bid-dejn.

25. Għaliex, skont l-awtur tas-silta, ċertu nies ma jikkuntentaw b'xejn?
a) Għax dejjem iridu jsibu d-difetti ta' ħaddieħor.
b) Għax ġieli jinsew iċ-ċavetta tad-dar tagħhom.
ċ) Għax il-klieb huma iktar intelliġenti mill-bniedem.
d) Għax moħħhom biss fix-xogħol.

26. Minn **riġel** nagħmlu **riġlejn**, minn **pass** (par. 5) nagħmlu
a) passaġġ
b) passi
ċ) passejn
d) passejjn



27. Fil-frażi "**ma' għonq il-kelb**" liema kelma hija artiklu?
a) ma'
b) għonq
ċ) il-
d) kelb.

28. Liema kelma minn dawn ġejja mit-Taljan?
a) Kelb.
b) Ċavetta.
ċ) Ħġieġa.
d) Laħam.

29. Il-kelma "**qoffina**" (par. 1) hi
a) aġġettiv komparattiv.
b) aġġettiv superlattiv.
ċ) nom fid-dimimuttiv.
d) nom fl-akkrexxittiv.

30. L-għerq tal-verb **tgħallem** huwa
a) t-għa-l-l-m.
b) għ-l-l-m.
ċ) għ-l-m.
d) għ-l-m-l.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marka**